*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

# Disa' Legislatura

## *Laqgħa numru 22*

***5.30p.m 03 ta' Novembru 2020***

## *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

## *Assenti b'apoloġija*

Is-Sinjura Charmaine Aquilina – Kunsillier

## *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

### *22.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

22.1.1 Is-Sindku is-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina talbet sabiex tiġi skużata minħabba raġunijiet ta' saħħa.

## *22.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

22.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 21. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono talab sabiex ikun hemm żewġ klarifiki. L-ewwel wieħed f'numru 21.8 'Deċiżjoni dwar siġar madwar is-Salib tal-Marsa' fejn hemm bżonn li titneħħa d-deċiżjoni peress li effettivament ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni. It-tieni punt kien f'paragrafu 21.11 'Deċiżjoni dwar eQuote Dawl u Dekorazzjoni tal-Milied' fejn il-Kunsillier talab li jitnizzlu t-toroq li ser ikunu ser isiru peress li din l-informazzjoni hija assenti mill-paragrafu. Wara li ħadd mill-membri l-oħra ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

### *22.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

22.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li dwar is-Salib tal-Marsa ser jitneħħew il-yuccas li saru snin ilu u li llum kibru ħafna, apparti s-siġar l-oħra li tqegħdu fl-akwata bl-addoċċ. Is-siġar li twaħħlu dawn l-aħħar min Infrastructure Malta ser jiġu f'pożizzjoni rranġata. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li s-Salib tal-Marsa u round about huma tal-Kunsill Lokali tal-Marsa u għalhekk l-ebda entita' oħra m'għanda tiddetta x'jsir. Apparti hekk huwa ma jaqbilx li jsir il-prinjol u ċ-ċipress fid-daħla tal-Marsa hekk kif dawn huma assoċjati maċ-ċimiterji. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li din ir-round-about prominenti għandhu jkollha landscaping bħal din li naraw fl-ajruport, jiġifieri pajsaġġ bla siġar, iżda b'diversi pjanti bħalma naraw fl-lokalitajiet oħra. Il-Kunsillier qal ukoll li l-Marsa jixirqila li jkollha l-istess trattament bħal kull lokalita' oħra anke f'dak li jirrigwarda d-dawl, jiġifieri li jekk l-ELC tipprovdi d-dawl f'roundabouts oħra ta' Malta, bl-istess mod trid tkun obbligata tipprovdi d-dawl għal dawk tal-Marsa.

22.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li wara l-laqgħa li kellu tar-Reġjun Xlokk, ġie miftiehem li l-ammont li ser ningħataw għad-dawl tal-Milied mir-Reġjun huwa ta' €1000 li huwa d-doppju ta' dak miftiehem fil-laqgħa preċedenti. Is-Sindku spjega ukoll li minħabba ċ-ċirkostanzi attwali tal-Covid-19 l-attivitajiet tal-massa li huma assoċjati mall-Milied ser jiġu mħassra.

22.3.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lil dawk preżenti li kiteb lill-Ministru tal-Intern u l-Kummissarju dwar id-diskrepanza li hemm bejn il-konfini tal-Marsa u għal-konfini tad-distretti tal-

Pulizija fil-lokalita'. Din it-talba qed jaħdmu fuqha u l-Pulizija ser ikun qegħdin jagħmlu eżerċizzju fuq Malta kollha  inkluża l-Marsa biex il-Kunsilli Lokali jkunu skond il-konfini tal-Kunsilli Lokali.

22.3.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal l-inċineratur tal-WasteServ inħaraq u l-apparat li inħaraq huwa l-autoclave. Wara dan il-ħruq huwa ġie nfurmat li ser ikun hemm apparat ġdid u modern li ser twassal biex it-tniġġiż ser jonqos drastikament sakemm l-impjant ser ikun strasferit fil-Magħtab. Is-Sindku tenna li wara laqgħa li kellu mac-CEO tal-WasteServ u mas-Sindku ta' Raħal Ġdid, hemm committment biex dan l-imjant jitlaq darba għal dejjem mill-lokalita'. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li l-Kunsill Lokali tal-Marsa għandhu jġib għall-attenzjoni tac-Civil Protection li n-nies ta' Albertown ma ġewx evakwati u mitluba jgħalqu t-twieqi meta n-nar kien fl-akwata, bħalma ġara għar-residenti ta' Raħal Ġdid, Santa Luċija u l-Kottonera fost oħrajn. Apparti hekk il-Kunsillier qal li fl-akwata hemm ħażna kbira ta' żejt u hemm bżonn li jkun hemm tankijiet f'akwati oħra barra mill-Marsa għal din il-ħażna. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseh Scerri qal li l-Kunsill huwa obbligat jitlob Risk Assessment taż-żona wara li seħħ dan l-inċident minħabba l-gassijiet li ħarġu. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill irid jitlob kopja tal-inkjesta ta' dan l-inċident u trid ttieħed azzjoni. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel perfettament ma dan.

22.3.5 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li s-seabin li hemm fil-Menqa qed taħdem tajjeb u ser issir press confernece mall-Membri kollha tal-Kunsill flimkien mall-NGO Żibel. Id-data u l-ħin ser jingħataw il-quddiem.

## *22.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

22.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace talab informazzjoni dwar il-ġonna fil-lokal u speċifikament dwar il-bins li hemm fi Triq Feliċjan Bilocca u kemm dawn jitbattlu ta' spiss  u jekk hemmx xi forma ta' separazzjoni ta' skart. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-iskart li jintrema' fil-bins ikun imħallat u għalhekk il-Kunsill ma jistgħax jobbliga lill-kuntrattur jissepara l-iskart huwa. Il-Kunsillier staqsa wkoll dwar ir-rottot tal-kenniesa u l-boroż li qed jħallu l-kenniesa. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li fit-tender il-ġdid hemm diversi rotot ġodda u rotot aktar frekwenti. Apparti hekk fil-passat il-boroż is-suwed ma kienux qed jinġabru meta l-kuntrattur tal-knis kien effettivament obbligat jiġborom. Is-Sindku spjega li wara laqgħa li kellu mall-kuntrattur din il-problema qed tiġi solvuta u l-boroz li qd jħallu l-kenniesa qegħdin jinġabru mill-kollettur tagħhom.

22.4.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri staqsa dwar il-way forward wara li l-Kunsill kellu laqgħa mall-Water Services Corporation u fejn bħal donnu l-affarijiet ser jibqgħu kif inhuma. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi jaqbel perfettament ma dan l-ilment u qal li llum stess tkellem mas-CEO Sur Falzon u ser jibgħat in-nies illejla.

22.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li huwa bħal kumplament tal-Kunsilliera ġew eletti fuq programm elettorali tal-Partit Laburista u n-nies ġew imwegħda li dan il-programm ser jitwettaq. B'hekk hemm bżonn li fil-laqgħa li jmiss titla' item dwar dak li twettaq fil-programm elettorali u dak li għad irid jitwettaq. Dan il-programm kien wieħed studjat u jekk hemm xi affarijiet li l-Kunsill qed jiġi njorat mill-Ministri hemm bżonn li ttieħed azzjoni. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel li din titla' bħala item għaliha fl-laqgħa li jmiss.

22.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace staqsa dwar il-proġett li tissaqqaf Diċembru Tlettax. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-istudju ta' dan il-proġett ser ikun qed jiġi amalgamat mall-iskema Slow Streets.

22.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer staqsa dwar jekk jistgħax jiġi vverifikat li x-xogħol fuq Triq il-Marsa sarx sewwa minħabba li rċieva numru ta' lmenti li nies qegħdin jegħrqu wara ħalbiet tax-xita meta dan ma kienux qabel ma saret it-triq. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li jista' jkellem il-perit fil-laqgħa li għandhu għada stess biex jagħmel rapport.

22.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono staqsa dwar jekk l-iskip ta' quddiem Paul & Rocco hux bil-permess tal-Kunsill. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dan mhux tal-Kunsill u għaldaqstant ser naraw ta' min hi.

22.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono staqsa jekk għar-road humps kienx hemm bżonn tal-permess u jekk iva twaħħlux it-tabelli. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi kkonferma li r-road humps huma kollha bil-permess ta' Transport Malta madankollu għadhom iridu jsiru t-tabelli.

22.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono staqsa ghaliex intqal fil-midja soċjali ser ikun hemm road hump fi Triq is-Sajjieda meta din fil-fatt saret fi Triq Feliċjan Bilocca. Il-Kunsillier qal ukoll li quddiem il-Ġnien Belveder fi Triq Zerafa saret road hump li tista' twassal biex jiżdiedu l-għarar fl-akwata. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dik ta' Triq Feliċjan Bilocca saret wara diskussjoni u qbil unanimu f'laqgħa tal-Kunsill u l-ħsieb huwa biex twaqqaf il-karozzi milli jidħlu fi Triq is-Sajjieda. Fuq ta' Triq Zerafa wieħed jara l-effett u jevalwa matul iż-żmien.

22.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia qal li n-naħa tal-għalqa hemm fanal miksur quddiem il-paroċċa tat-Trinita'. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dan il-fanal huwa tal-Knisja u mhux tal-Kunsill.

Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri telaq mis-seduta fis-7.00p.m

## *22.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

22.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 11/2020 annessa. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer xtaq spjega tal-ħlas numru 27 għall-perit dwar xogħol li sar fi Triq San Bernard. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Perit ġie mqabbad jagħmel ir-riċerka meħtieġa u l-pjanti sabiex isir ċint u bankini fil-pjazza ta' San Bernard. Wara divsersi studji rrizulta li parti sostanzjali tal-misraħ huwa tal-privat u għalhekk il-Kunsill ma jistgħax jibni ħajt hemm u jekk jibni ħajt irid jersaq ħafna il-quddiem u hekk ikun qed iċċekken ferm l-ispazju miftuħ tal-post. Wara diskussjoni fost dawk preżenti ġie miftiehem li isiru bollard fit-triq kif issuġerit mill-perit sabiex il-karozzi ma jibqgħux jipparkjaw eżatt mall-bibien tan-nies.

22.5.2 Wara li ħadd mill-membri l-oħra preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti..

## *22.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

22.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-President tal-Marsa Regatta Club qed jistaqsi l-Kunsill jekk hux interessat jagħmel reklam bil-kulur fil-kalendarju għall-prezz ta' €250. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

22.6..2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li fl-okkazjoni tal-mitt sena mit-twaqqif tal-Partit Laburista, l-Partit ser ikun qed iħawwel siġra tal-ballut fi Triq Nerik Sacco. Wara diskussjoni dwar il-post fejn din ser tiġi mħawwla, l-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

22.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Għaqda Festi Esterni Ssma. Trinita' qed titlob lill-Kunsill ilħlas ta' reklam ta' €230 filwaqt li l-prezz għall-armar għal żmien il-Milied huwa ta' €700(Armar ta' Triq il-Marsa) €500 (Armar fuq il-Pont San Tumas) u €115 (kiri t'arbli għall-Pjazza) kif sar is-sena ta' qabel. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu oġġezzjoni, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *22.7 Update fuq is-Servizz tal-Bulky u Household Waste*

22.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li wara laqgħa li kellu mall-kuntrattur tal-Bulky refuse, qed iressaq dawn il-proposti li l-ġranet li fih ser jibda jinġabar il-bulky refuse ser ikun nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Gimgħa. B'dan il-mod ser ikun hemm firxa aħjar tal-ġranet u b'hekk ser inkunu qed nevitaw akkumulazzjoni ta' skart matul il-weekends. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

22.7.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex il-kuntrattur tal-iskart li jinġabar mid-djar jibda jagħmel extra service billi darba f'gimgħa jdur mall-lokalita' kollha speċjalment il-hotspots u jieħu l-iskart kollu li jsib fosthom bulky u l-borża s-sewda. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ma qabilx ma din il-proposta hekk kif il-flus li l-Kunsill ser ikun qed jonfoq għall-kuntrattur jista' faċilment jonfoqhom f'informazzjoni edukattiva lir-residenti biex dawn jsegwu aħjar l-iskeda tal-ġbir tal-iskart. Wara diskussjoni, ġie miftiehem li dan l-extra service jista' jsir bi prova u xejn ma jkun qed jorbot il-Kunsill fil-futur li jneħħi dan l-extra service. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda u kien hemm erbgħa voti favur u wieħed kontra din il-proposta. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi, l-Kunsillier is-Sur Francis Debono, il-Kunsillier is-Sur Colin Pace u l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia kienu favur, filwaqt li l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer vvota kontra.

22.7.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-kuntrattur huwa lest li jbattal it-tlett skips fil-Marsa kuljum għall-prezz ta' €100 fix-xahar. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *22.8 U-shaped bollards fi Triq San Bernard*

22.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li bħalma ġie diskuss iktar qabel fil-laqgħa wara diskussjoni mall-perit tal-Kunsill hemm qbil li jsiru bollards fi Triq San Bernard biex il-karozzi ma jibqgħux jipparkjaw quddiem il-bibien tan-nies. Apparti hekk jista' jiżdied signage ta' kif għandhom jipparkjaw il-vetturi u jista' jittpoġġew planters fuq il-bollards. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *22.9 Verticle Gardens fi Triq is-Salib tal-Marsa*

2.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa lill-membri tal-Kunsill dwar jekk jaqblux mall-kunċett li jsiru verticle gardens fi Triq is-Salib tal-Marsa, speċjalment warta li qed issir kampanja mill-kumpanija Living Gardens fejn qegħda tipprommwovi spazji mħaddra biex itejbu l-kwalita' tal-ħajja tar-residenti. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur din il-proposta kienet waħda unanima.

## *22.10 Dawl f'Pont San tumas*

2.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li wara diversi lmenti dwar in-nuqqas ta' dawl fuq il-Pont ta' San Tumas, ikun tajjeb li jiżdied id-dawl. Il-proposta kienet li jsiru LED strips iżda ma kienx hemm qbil dwara. Il-Kunsillier Francis Debono ppropona li nkellmu l-kuntrattur tad-dawl biex naraw jekk jistgħux jsiru arbli fuq il-pont b'rifletturi fuqhom. Wara li ħaddd mill-membri preżenti ma kellu mistoqsijiet il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *22.11 Deċiżjoni fuq stimi għal magazine tal-lokal*

22.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kunsill għandhu f'idejħ kwotazzjoni sabiex dan jista' jiġi ppublikat għal dan il-Milied li ġej. Il-prezz ta' magazine ta' 16-il paġna huwa ta' €660.80 filwaqt li l-prezz biex dan jiġi pprintjat għal 2000 darba huwa ta' €724.50. Wara diskussjoni fost dawk preżenti ġie miftiehem li l-prezz għal dan il-magazine huwa pjuttost għoli, apparti l-fatt li hemm ammont ta' reklami. B'hekk ġie deċiż li l-Kunsill għandhu jkompli jiġbor aktar kwotazzjonijiet u li l-magazine ma jkollux reklami. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *22.12 Deċiżjoni fuq quotes tal-fanali ta' quddiem il-Paroċċa Marija Reġina*

22.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill disinn ta' kif jistgħu jsiru l-qafas tal-fanali ta' quddiem il-Paroċċa ta' Marija Reġina, u nforma lil dawk preżenti li l-materjal li fuqu ġiet ibbażata l-kwotazzjoni huwa travertine noċe. Il-prezzijiet huwa hekk Rabat Marbles bi prezz ta' €2137.69, Cini Marbles bi prezz ta' €2596, u Halmann Vella bi prezz ta' €4005.44

(prezzijiet huma kollha inkluż il-VAT). Wara diskussjoni fost dawk preżenti ġie miftiehem li jistgħu jinstabu kwotazjonijiet oħra b'materjal ieħor li jkun orħos bħal per eżempju ġebel tażżonqor. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *22.13 Quarterly Financial Results Q3 2020*

*22.13.1* Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekkuttiv jagħti d-dettalji talandament finanzjarju tal-Kunsill għat-tielet kwart ta' din is-sena, jiġifieri għall-perjodu ta' bejn Ġunju u Settembru. Hawnhekk rajna li x-xejra pożittiva ta' surplus li biha beda l-Kunsill matul nofs is-sena 2020 kompliet hekk kif il-Kunsill irreġistra surplus ta' madwar €37,000 li huwa ferm aktar pożittiv mit-tbassir ta' defiċit li kien qed jiġi stmat fl-aħħar tas-sena li għaddiet. Dan ifisser li l-likwidita' tal-Kunsill huwa wieħed b'saħħtu u ser tkompli tgħin biex insaħħu s-servizzi li qed noffru lir-residenti Marsin. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu mistoqsijiet, is-Sindku talab għall-approvazzjoni ta' dan ir-rapport. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer isskonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *22.14 Bonus tal-Ħaddiem tal-Community Worker Scheme*

*22.14.1* Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-iskema tal-Community Work titlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jingħata l-bonus lill-ħaddiem li jkun assenjat mall-Kunsill. Dan ikun l-uniku ħlas li joħroġ il-Kunsill għall-ħaddiem fuq din l-iskema. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu oġġezzjoni, l-ħaddiem is-Sur Jonathan Hili ser jingħata l-massimu tal-bonus, pro-rata. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *22.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

22.15.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.45pm u ġiet aġġornata għall-1 ta' Diċembru fit-5.30pm kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |